MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 501/2006

**Vincent Ciliberti**

**vs**

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali, Gemma Cauchi u Philip Cauchi.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Vincent Ciliberti datat 31 ta’ Mejju 2006 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti kien mahtur espert tal-Qorti fil-kawza li ggib in-numru 172/94/NC fl-ismijiet **Gemma Cauchi vs Philip Cauchi**.

Illi t-tassazzjoni tax-xoghol provdut mill-esponenti a sodisfazzjon tal-Qorti u in espijazzjoni tal-ordnijiet lilu

moghtija min din il-Qorti huma regolati mill-**artikoli 666 et seq tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta**.

Illi *ai termini* tal-**artiklu 666** tal-imsemmi **Kodici i**d-dritt tal-esponenti, fl-4 ta’ Jannar 2005, gie intaxxat mir-Registratur tal-Qorti, wara li l-istess esponenti ppresenta r-rapport tieghu fit-23 ta' Novembru 2004.

Illi tali tassazzjoni giet notifikata lill-partijiet *ai termini* tal-ligi u infatti l-istess partijiet, *ai termini* ta' dak redatt fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2005 fl-atti tal-kawza fuq riferita, qablu li id-dritt tal-perit esponenti jigi imhallas mill-kont bankarju li kien f’isem l-istess partijiet - kif fil-fatt gara. L-esponenti thallas permezz ta’ *cheque* li kien datat fis-26 ta' Settembru 2005.

Ir-rikorrenti halef ir-rapport tieghu fl-1 ta' Novembru 2005 u hareg ir-ricevuta fiskali ghas-servizzi li taghhom thallas. *Inoltre* l-esponenti gie anke eskuss fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2006.

Illi ghadaqstant il-partijiet kienu ben konxji tal-ammont li kien gie intaxxat mir-Registratur tal-Qorti u huma ma sabu ebda oggezzjoni in konnessjoni mal-istess – anzi qablu mieghu tant li, kif fuq gia espost, hallsuh, u sussegwentement l-esponenti halef ir-rapport tieghu, skont ma jirrizulta mill-atti tal-kawza.

Illi kwalsiasi kontestazzjoni li l-partijiet seta' kellhom in konnessjoni mal-intaxxar tad-dritt dovut lill-esponenti kontestat, jekk riedu, li jigi kontestat, entro tmint ijiem mid-data li huma kienu gew a konoxxenza tal-ammont dovut lill-esponenti. Dan il-perjodu huwa fatali ghall-partijiet u *una volta* skadut id-dritt professjonali dovut lill-esponenti ma jistax jigi impunjat minn hadd.

Illi madanakollu din l-Onorabbli Qorti, fil-vece taghha ta' Sezzjoni tal-Familja, fit-2 ta' Mejju 2006 tat direttivi dwar ritassa tad-drittijiet tar-rikorrenti u wara li r-rikorrenti pprezenta rikors fil-15 ta' Mejju 2005, din il-Qorti b'digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2006 ikkonfermat id-digriet taghha

tat-2 ta' Mejju 2006 pero` ccarat li dan ghandu jirreferi biss ghall-mobbli.

Illi bir-rispett kollu dak ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta riferita tat-2 ta' Mejju 2006, kif konfermat bid-digriet ahhari taghha tat-22 ta' Mejju 2006 ma setax jigi ordnat, huwa zbaljat billi mhux imsejjes fuq il-ligi tal-procedura taghna, anzi jmur proprju kontra dak kontemplat fil-ligi taghna.

Illi ghall-precisazzjoni jinghad illi fil-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2006 l-Qorti ordnat *inter alia* illi:-

*“Il-Qorti fuq talba tal-konvenut, mhux opposta tordna li t-taxxa tal-Espert a fol 437 tigi riveduta u komputata fuq bazi ta' 01% u kull ammont zejjed lill-perit jigi ritornat lill-partijiet.”*

Peress illi l-ordni moghtija mill-Qorti ghalhekk hija *res inter alios acta* in kwantu tirrigwarda lir-rikorrenti u hija ta’ pregudizzju ghalih u ma saritx in kontestazzjoni tieghu.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikkjara illi l-ordinijiet moghtija minn din il-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2006 u dak ordnat bid-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2006 huma zbaljati, nulli u kontra il-ligi *stante* li ma jinkwadrawx ruhhom fit-termini ta' dak provdut fl-artikoli tal-ligi tal-procedura taghna hawn fuq riferiti.

2. Konsegwentement tordna illi ma ghandhiex issir ebda ritassa abbazi tal-01% tad-dritt spettanti lill-esponenti dwar il-mobbli.

3. Tikkonferma d-dritt gia` stabbilit mir-Registratur tal-Qorti bhala dak li kien jispetta lir-rikorrenti u

4. Tiddikkjara illi l-perit rikorrenti ma ghandu jirritorna ebda ammont lura lill-partijiet - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2006.

Rat ir-risposta ta’ Philip Cauchi datata 22 ta’ Settembru 2006 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepixxa:-

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti *rationae materie* peress li d-digriet li qieghed jigi impunjat bil-kawza odjerna huwa dak moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux minn din l-Onorabbli Qorti. Dawn huma zewg Qrati kompletament distinti u l-Qorti odjerna ma ghandha ebda kompetenza li tirrevedi digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Talba bhal dik odjerna kellha ssir fil-Qorti li taghti d-digriet in kwistjoni u ghalhekk l-esponent ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, l-attur Vincent Ciliberti ma ghandu ebda interess guridiku biex jippromwovi l-azzjoni odjerna peress li hu ma kienx wiehed mill-partijiet fil-kawza li fil-mori taghha tirrevedi d-digrieti moghtija fit-2 ta' Mejju 2006 u dak tat-22 ta' Mejju 2006 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), tant li anke hu stess jippremetti li tali ordnijiet huma *res inter alios acta*. Dan ifisser ukoll li jekk tassew kien hekk allura l-istess esponent ma kellux bzonn li jippromwovi l-kawza odjerna kwindi l-esponent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju anke ghal din ir-raguni.

3. Illi l-gudizzju mhux integru u dan ghaliex fic-cirkostanzi mhux ir-Registratur tal-Qrati kellu jigi indikat bhala l-legittimu kontradittur izda l-Avukat Generali u dan tenut kont li r-ritassa ma saritx mir-Registratur tal-Qrati izda mill-Qorti de proprju. Apparti dan ir-Registratur tal-Qrati ma jezistix bin-nomenklatura kif indikat. Kwindi l-

esponent ghandu jigi illiberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

4. Illi fi kwalunkwe kaz dak li qieghed jippretendi bhala hlas l-esponent imur kontra dak li jistabilixxi l-**artikolu 2 tat-tariffa G tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta** u cioe` t-tariffa ta' Perit bhal ma kien l-istess attur f'ebda kaz ma ghandu d-dritt li jkun izjed minn Lm500, liema projbizzjoni hija ta' ordni pubbliku u ma tigix effettwata bl-ebda mod mit-taxxa ufficjali meta din tkun skorrettement teccedi dan l-ammont u *di piu`* l-istess attur irrinunzja ghal kull azzjoni ohra meta b'rikors tieghu stess tal-5 ta' Mejju 2006 ghamel tentattiv biex jerga' jirripristina t-tariffa originali u liema talba giet michuda b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-2 ta' Mejju 2006.

5. Illi fl-ahhar nett, u subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghal dak suespost, id-decizjoni u ordnijiet moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) huma gusti fit-totalita` taghhom peress li huma konformi mal-ligi u anke mal-principji ta' gustizzja, peress li l-ammont li qieghed jigi mitlub huwa wiehed estravaganti ghall-ahhar. Ghalhekk f'sens generali tali ordnijiet u direttivi ghandhom jigu konfermati.

6. Illi fl-ahhar nett jigi rilevat li *data ma non concesso* li ma jigux milqugha l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun limitata biss ghal *quandum* tal-hlas tal-attur u mhux ghal kull ordni ohra ta' varjazzjoni li tirrigwarda biss il-partijiet f'dik il-kawza.

7. Salvi risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ta' Philip Cauchi a fol. 10 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Gemma Cauchi datata 20 ta' Frar 2007 a fol 18 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi din l-Onorabbli Qorti mhiex kompetenti *rationae materie* peress li d-digrieti li qeghdin jigu impunjati bil-

kawza odjerna huma dawk moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u mhux minn din l-Onorabbli Qorti. Dawn huma zewg Qrati kompletament distinti u l-Qorti odjerna ma ghandha ebda kompetenza li tirrevedi digrieti moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Talba bhal dik odjerna kellha ssir fil-Qorti li taghat id-digrieti in kwistjoni u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, minghajr pregudizzju, l-kawza odjerna ma tistax tibda tinstema' qabel ma jigi notifikat l-Avukat Generali bir-rikors mahluf *a tenur* tal-**artikolu 181B tal-Kap. 12**.

3. Illi preliminarjament ukoll, l-attur ghandu juri li huwa nnotifika lir-Registratur tal-Qorti, b'ittra ufficjali jew protest a tenur tal-**artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Fin-nuqqas, dawn il-proceduri ma jistghux jimxu 'l quddiem u l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi subordinatament minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-Tariffa li tirregola l-intaxxar ta' rapport bhal dak tal-attur, hija dik bl-ittra **"G" taht skeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant l-ammont li kellu jigi likwidat kien ta' bejn hames Liri Maltin (Lm5) u elf Lira Maltin (Lm1,000), skont **artikolu 1** tal-imsemmija **Tariffa G** jew sa massimu ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500), skont **artikolu 2** tal-istess Tariffa. Din it-Tariffa hija ta' ordni pubbliku u kellha ghalhekk tigi segwita wkoll mid-Deputat Registratur li hareg it-taxxa originali b'mod zbaljat.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju d-digrieti u l-ordnijiet moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kaz *de quo*, huma gusti fl-intier taghhom *stante* illi huma konformi mall-ligi u dan ghaliex, *inter alia*, it-taxxa originali giet ridotta skont il-ligi.

6. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talbiet tal-attur, il-konvenuta m'ghandha tbati l-ebda spejjez, ghaliex hi ma kellhiex x'taqsam mal-mod kif inhadmu z-zewg taxxi, u cioe` t-

taxxa kif originarjament mahduma mid-Deputat Registratur erronjament, u t-taxxa kif ridotta mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

7. Illi wkoll fi kwalunkwe kaz, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-istess Qorti ghandha tvarja jew tiddikjara nulli biss dawk id-digrieti moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jirrigwardaw il-*quantum* tal-hlas lill-attur u mhux digrieti ohra li jirrigwardaw biss lill-partijiet konjugi Cauchi, konvenuti odjerni, fll-kawza pendenti quddiem dik l-istess Onorabbli Qorti.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda ta' Gemma Cauchi a fol. 19 tal-process.

Rat ir-risposta bl-eccezzjonijiet tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datata 26 ta' Marzu 2007 a fol. 23 tal-process fejn ecceppixxa: -

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tad-Dirertur, Qrati Civili u Tribunali, *stante* illi l-azzjoni giet intavolata kontra entita`, ossija Registratur tal-Qorti, li ma huwiex aktar ikkontemplat fil-Ligi, u ghalhekk id-Direttur. Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent joqghod ghal kwalsiasi ordni illi tohrog din l-Onorabbli Qorti u huwa ma ghandux ibati kwalsiasi spejjez illi jistghu jigu lilu addebitati, *stante* illi t-taxxa kif mahruga fl-4 ta' Jannar 2005 giet ikkonfermata mill-partijiet ladarba huma ma appellawx fiz-zmien stabbilit fl-**artikolu 667 (1) tal-Kap 12** wara illi l-istess attur kien ikkonferma tali rapport fl-1 ta' Novembru 2005.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali a fol 24 tal-process.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 10 ta’ April 2007 a fol 27 fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni tal-atti fl-ismijiet premessi fis-sens li kull fejn hemm il-kliem “Registratur tal-Qorti” jithassru u jigi sostitwit bil-kliem “Direttur Qrati Civili u Tribunali” u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet datat 17 ta’ April 2007 (fol. 28).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ Gunju 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex izzomm seduta wahda ghall-konkluzjoni provi tar-rikorrenti u ohra ghall-konkluzjoni provi tal-intimati.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti hemm esebiti (fol 45).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-4 ta’ Gunju 2008 fejn il-Qorti issostitwiet lil Dr. Gillian Mamo minflok Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izzomm seduta wahda sabiex isiru l-kontro-ezamijiet relattivi.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat Philip Cauchi datat 4 ta’ Mejju 2009 a fol 96 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Illi minghajr pregudizzju ghar-risposta gia` intavalota minnu l-esponent jecepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla u dan *ai termini* tal-**artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif mehtieg mil-ligi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 19 ta’ Mejju 2009 a fol 98 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Philip Cauchi datata 22 ta’ Gunju 2009 a fol 104 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Gemma Cauchi pprezentata fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2009 a fol 102 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta Gemma Cauchi datata 10 ta' Dicembru 2009 a fol 119 illi biha esebiet kopja legali tal-atti mill-kawza **"Gemma Cauchi vs Philip Cauchi"** (Citaz. Nru 172/94/NC) skont id-digriet ta' din il-Qorti moghti fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2009 (Dok "A").

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charmaine Galea ghall-konvenut Philip Cauchi, Dr. Francesco Deqasquale ghad-Direttur intimat u Dr. Joseph Schembri ghar-rikorrenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provvidement finali ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illik jirrizulta li fil-kawza fl-ismijiet "Gemma Cauchi vs Philip Cauchi (Citaz. Nru. 172/94/NC) fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) gie nominat ir-rikorrenti bhala Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-mobbli u tad-dar konjugali skont digriet datat 4 ta' Mejju 2004.

Illi tali rapport gie pprezentat fil-25 ta' Novembru 2004 u fil-11 ta' Jannar 2005, id-deputat registratur Mario Debono intaxxa d-dritt spettanti lill-Perti Tekniku fl-ammont ta' Lm4,169.76 (fol. 123) liema kont kellu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet u spedixxa l-istess kont sabiex hekk jithallas mill-partijiet.

Illi fil-verbal tal-15 ta' Marzu 2005 Dr. Stephen Thake ghan-nom tal-attrici Gemma Cauchi, intimata f'din il-

kawza talab li l-kont jithallas minn kont bankarju imsemmi fil-verbal ta' dik il-kawza datat 4 ta' Mejju 2004. Jirrizulta li l-kont thallas permezz ta' *cheque* datat 26 ta' Settembru 2005 tant li l-perit tekniku halef ir-rapport fl-1 ta' Novembru 2005 (fol. 125). L-istess perit tekniku gie eskuss fis-17 ta' Marzu 2006.

Illi fit-2 ta' Mejju 2006 jirrizulta li deher Dr. Toni Abela ghall-konvenut Philip Cauchi u talab *seduta stante* u verbalment li t-taxxa tal-espert tekniku tigi riveduta u l-Qorti ordnat li l-istess drittijiet legali tal-perit tekniku jigu komputati a bazi ta' 1% u b'dan li kull ammont zejjed imhallas lill-perit tekniku jigi ritornat lill-partijiet.

Illi jirrizulta li l-taxxa tal-istess perit tekniku giet riveduta kif jidher minn kont mahrug mid-deputat registratur Bruno Zahra datat 9 ta' Mejju 2006 (fol.145) u spedit lill-partijiet fil-kawza fl-ammont ta' Lm1,504.31, b'dan li skont l-istess taxxa gie indikat li *"l-ispejjez dovuti lura liz-zewg partijiet flimkien"* kienu jammontaw ghal Lm2,665.45 (fol. 146).

Illi sar rikors mir-rikorrenti odjern datat 15 ta' Mejju 2008 f'dik il-kawza fejn talab li jigi revokat *contrario imperio* id-digriet datat tat-2 ta' Mejju 2006 peress li skont l-**artikolu 666** kull oggezzjoni ghall-intaxxar tal-istess rapport kellha ssir fi zmien tmien t'ijiem mid-data li huma gew a konoxxenza tal-kont dovut lilu, u b'hekk tikkonferma id-dritt stabbilit tal-perit tekniku fl-ewwel taxxa mahurga mid-deputat registratur fil-konfront tal-partijiet.

Illi l-Qorti b'digriet taghha datat 22 ta' Mejju 2006 cahdet it-talba ghaliex iddegretat li t-taxxa fuq il-mobbli kellha tigi komputata fuq Tariffa G, mentri inhadmet fuq l-artikolu 9 tat-Tariffa K. B'hekk ikkonfermat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2006 *"pero' ticcara li dan ghandu jirreferi biss ghall-<u>mobbli".</u>* (fol. 149).

Illi ghalhekk sar dan ir-rikors mir-rikorrenti sabiex l-istess digrieti tat-2 u 22 ta' Mejju 2006 jigu ddikjarati bhala nulli ghaliex ma sarux fit-termini tal-**artikolu 666 tal-Kap. 12,** u ghalhekk ma kellha ssir l-ebda ritassa, u b'hekk

tikkonferma d-dritt stabbilit fl-ewwel taxxa, u b’hekk isegwi li r-rikorrenti ma ghandu jirritorna l-ebda ammont.

Illi l-intimat Philip Cauchi u Gemma Cauchi eccepew li din il-Qorti hija nkompetenti peress li hija minflok kompetenti l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), izda din l-eccezzjoni hija bla ebda bazi peress li jirrizulta li l-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hija biss dik moghtija skont l-**artikolu 4 tal-Avviz Legali 396 ta’ l-2003 u l-artikolu 3 tal-Avviz Legali 2004 (Skeda 2 (a) paragrafu 4)** u jirrizulta li din it-tip ta’ procedura ma hijiex ta’ kompetenza tal-istess Qorti izda ta’ din il-Qorti.

Illi dwar l-allegat nuqqas ta’ interess tar-rikorrenti li jressaq tali azzjoni, certament li din l-eccezzjoni hija bla ebda fondament legali peress li huwa ovvju li huwa l-istess perit tekniku li ghandu interess fl-intaxxar tad-dritt tieghu. Tali procedura hija distinta mill-kawza ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Cauchi li fiha sar l-istess rapport. B’hekk din l-eccezzjoni tal-intimati Cauchi qed tigi wkoll michuda.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni mressqa mill-intimati Cauchi fejn inghad li gudizzju mhux integru ghaliex l-Avukat Generali ma giex msejjah fil-kawza, din l-eccezzjoni hija kompletament bla ebda bazi, u dan anke jekk wiehed jezamina l-**artikolu 181 B tal-Kap. 12,** u ghalhekk il-gudizzju huwa integru billi sar kontra Direttur, Qrati Civili u Tribunali u l-partijiet milquta bl-istess taxxa. Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni mqajjma mill-intimati Cauchi kemm fir-risposta tal-intimata Gemma Cauchi u kemm fir-risposta ulterjuri ta’ Philip Cauchi u din a bazi tal-**artikolu 460 tal-Kap 12** jinghad li din il-Qorti hija tal-opinjoni li tali eccezzjoni ma tispettax lill-istess intimati Cauchi u dan peress li huma ma humiex wiehed mill-entitajiet indikati fl-imsemmi artikolu. *Se mai* tali eccezzjoni kienet tispetta lill-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali, izda l-istess Direttur qatt ma qajjem din l-eccezzjoni; izda jinghad ukoll li kieku sar dan, jidher li la darba il-procedura kif issir appell minn taxxa ta’ perit tekniku hija stabbilita skont l-**artikolu 667 tal-Kap. 12,** din l-eccezzjoni kieku mressqa

mid-Direttur kienet tigi michuda abbazi ta’ dak provdut fl-ahhar parti tal-**artikolu 460 (2)** proprju peress li l-ligi bl-**artikolu 667** tipprovdi ghall-procedura partikolari kif tigi attakkata taxxa tad-drittijiet ta’ periti legali u/jew teknici.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li l-gurisprudenza citata mill-intimati Cauchi fejn qed jikkontendu li huma xorta wahda jistghu jibbenifikaw minn tali disposizzjoni, jinghad li fi kwalunkwe kaz l-istess kazistika tirreferi ghall-kazijiet fejn tali procedura hija tenuta bhala necessarja ghaliex ma taqax taht wahda mill-eccezzjonijiet provduti fl-**artikolu 460 (2).** Ghalhekk tali sentenzi citati jirreferu ghall-kazijiet ben differenti minn dak mertu tal-kaz odjern u dan proprju ghaliex f’dan il-kaz tali procedura u interpellazzjoni indikata mill-intimati ma hijiex necessarja, ghaliex hawn il-ligi stess f’kaz ta’ kontestazzjonijiet ta’ taxxa tad-drittijiet ta’ perit tekniku tipprovdi ghall-procedura kif il-partijiet (jew il-perit tekniku) jistghu ifittxu rimedju (**artikolu 667)**, procedura li ma gietx uzata mill-intimati nfushom. Ghalhekk fil-kaz odjern hemm procedura partikolari disponibbli ghal kull min kien interessat f’dik it-taxxa li facilment setghet tigi segwita mill-intimati odjerni, liema procedura kienet ukoll timponi kif u terminu meta ghandha ssir, kollox kif inghad f’din id-decizjoni, b’dan li allura jsegwi li tali procedura tissodisfa ir-rekwiziti tal-ahhar paragrafu tal-**artikolu 460 (2) tal-Kap. 12** gja citat f’din id-decizjoni, u b’hekk dan ifisser li ma kienx hemm bzonn li ssir interpellazzjoni msemmija mill-istess intimati Cauchi. Illi ghalhekk kemm it-tielet eccezzjoni ta’ Gemma Cauchi, u kif ukoll ir-risposta ulterjuri ta’ Philip Cauchi qed jigu michuda.

Illi dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu jirrizulta skont l-**artikolu 666 tal-Kap. 12** li r-registratur ghandu jintaxxa r-rapport tal-perit tekniku, u skont l-**artikolu 667,** kull parti fil-kawza u l-perit jista’ jappella lil dik il-Qorti mit-taxxa maghmula fi zmien 8 t’ijiem mill-gurnata ghall-pubblikazzjoni tar-rapport **(artikolu 672)** jew fil-kaz li l-periti jkunu gew dispensati milli jidhru kif imsemmi mill-jum li fih il-partijiet jew partijiet fil-kawza jkunu gew magharfin bit-taxxa b’ittra minghand ir-registratur. Fl-istess artikolu jinghad li dan l-appell ghandu jsir b’nota waqt il-kawza, u b’rikors wara d-

decizjoni tal-kawza, u l-Qorti jekk thoss li tali appell huwa *prima facie* floku, u wara li tisma' lill-partijiet, tordna lir-registratur sabiex jintaxxa mill-gdid id-dritt tal-periti (ara wkoll affidavit u nota ta' sottmissjonijiet tal-istess rikorrenti).

Illi fid-dawl ta' dan jirrizulta li l-procedura li giet adoperata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bid-digriet taghha datat 2 ta' Mejju 2006 ma segwietx il-procedura fuq indikata u dan peress li ma saret l-ebda talba minn xi parti permezz ta' nota imsemmija li biha appellaw mit-taxxa tar-registratur tal-Qorti li kien intaxxa d-drittijiet tar-rikorrenti fil-11 ta' Jannar 2005, illi t-terminu indikat fl-istess **artikolu 667** ta' tmien t'ijiem kien ilu li skada, tenut kont li r-rikorrenti odjern, u allura l-perit tekniku f'dik il-kawza kien ilu li halef ir-rapport mill-1 ta' Novembru 2005, wara li kien thallas mill-istess partijiet fis-26 ta' Settembru 2005, u gie eskuss mill-partijiet fis-17 ta' Marzu 2006, u ghalhekk tali digriet sar kontra l-istess procedura specifikatament stabbilita mil-ligi sabiex tigi attakata tali taxxa ta' perit tekniku, nkluz li lanqas biss saret ebda nota kif hemm indikat, u certament allura lanqas biss saret ebda procedura fit-terminu preskritt, u dan apparti li l-istess rikorrenti lanqas biss kellu jew inghata opportunita' jikkontesta l-istess. F'dan is-sens jinghad li l-posizzjoni tal-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali, kif indikata fir-risposta tieghu datata 26 ta' Marzu 2007 (paragrafu (2)) hija konsistenti ma` dak hawn deciz, *stante* li jghid li huwa ma ghandux ibati spejjez peress li t-taxxa datata 4 ta' Jannar 2005 giet ikkonfermata mill-partijiet la darba huma ma appellawx fiz-zmien stabbilit fl-1 ta' Novembru 2005, b'hekk li jidher li l-istess intimat Direttur qed jammetti f'dan is-sens t-talbiet tar-rikorrenti. Fid-dawl ta' dawn l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati l-ohra qed jigu michuda ghaliex huma manifest bla bazi in vista tal-posizzjoni legali u dak hawn deciz.

Illi huwa sintomatiku li l-intimata Gemma Cauchi fl-affidavit taghha datat 2 ta' April 2008 (fol. 51) tghid li in vista tal-fatti kif minnha esposti, li jaqblu wkoll ma dawk elenkati mir-rikorrenti, hija m'ghamlet *"l-ebda talba sabiex it-taxxa ta' l-istess perit tekniku tigi ridotta jew riveduta. Bhala*

*konsegwenza ta' dan, jiena nhoss li jiena gejt imdahhla fil-kawza odjerna intortament u tkun tassew ingustizzja li jiena nbati xi spejjez, meta ma kontx jien li tajt lok ghal din il-kawza".* Veru li jinghad li dan sar minghajr pregudizzju ghar-risposta guramentata taghha, izda certament li f'dan il-kuntest din il-posizzjoni hija kontradittorja u kontrastanti mal-eccezzjonijiet kollha minnha sollevati u sostnuti f'din il-procedura, u hija ma tistax taghzel triq u mbaghad tmur triq ohra, u iktar minn hekk, bil-kontra. Ghalhekk ukoll ir-raba', il-hames, u is-sitt eccezzjoni tal-istess intimata qed jigu michuda.

Illi l-istess posizzjoni jidher li ha l-intimat Philip Cauchi fl-affidavit tieghu datat 29 ta' April 2008 (fol. 58) u ghalhekk japplika dak hawn deciz ukoll ghall-posizzjoni tieghu in vista ta' dak kontenut fir-risposta tieghu datata 22 ta' Settembru 2006 u dan kemm kwantu ghall-eccezzjonijiet minnu hemm sollevati u dawn eccepiti minnu fir-risposta ulterjuri tieghu, b'dan li l-istess eccezzjonijiet tieghu kollha hemm imressqa qed jigu michuda in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li konsegwenti ghall-fatt li tali digrieti tat-2 ta' Mejju 2006 u 22 ta' Mejju 2006 huma nulli u bla effett, isegwi li t-taxxa tad-drittijiet dovuti lill-perit tekniku datata 11 ta' Jannar 2005, mahruga mid-deputat Registratur Mario Debono fejn intaxxat id-drittijiet spettanti lill-Perti Tekniku fl-ammont ta' Lm4,169.76 (fol. 123), tibqa' *in vigore*, b'dan li l-istess perit tekniku ma ghandu jirrifondi l-ebda ammont lill-intimati Cauchi fil-kawza.

Illi ghall-kompletezza jinghad li b'riferenza ghas-sitt eccezzjoni tal-intimat Philip Cauchi, u tas-seba' eccezzjoni tal-intimata Gemma Cauchi, huwa ovvju li d-decizjoni odjerna timpingi biss fuq id-digrieti hawn impunjati dwar it-taxxa tal-perit tekniku u l-ebda provediment iehor moghti fil-kawza bejn il-konjugi Cauchi fil-kawza ta' separazzjoni ta' bejniethom.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad rispettivament l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati Gemma Cauchi u Philip Cauchi, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali peress li din giet sorvolata fil-mori tal-kawza, u fil-waqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-l-istess intimat id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, u dan biss in kwantu l-istess hija b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** b'dan illi:-

1. Tiddikkjara illi l-ordinijiet moghtija minn din il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2006 u dak ordnat bid-digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet "Gemma Cauchi vs Philip Cauchi" (Citaz. Nru. 172/94/NC) huma zbaljati, nulli u kontra il-ligi *stante* li ma jinkwadrawx ruhhom fit-termini ta' dak provdut fl-artikoli tal-ligi tal-procedura taghna hawn fuq riferiti.

2. Konsegwentement tordna illi ma ghandhiex issir ebda ritassa abbazi tal-1% tad-dritt allegatament spettanti lir-rikorrenti dwar il-mobbli.

3. Tikkonferma d-dritt gia` stabbilit mir-Registratur tal-Qorti bhala dak li kien jispetta lir-rikorrenti u skont taxxa mahruga fl-4 ta' Jannar 2005.

4. Tiddikkjara illi l-perit rikorrenti ma ghandu jirritorna ebda ammont lura lill-partijiet - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha nkluzi tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghall-intimati Gemma u Philip Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------